**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 21 ta' April, 2020**

**Mandat Nru: 405/2020 AF**

**Future Platforms Limited (C-77459)**

**Helio Gaming Limited (C-84419)**

**Dr. Angelo Dalli bhala mandatarju specjali ta' Switch it N.V. (socjetà registrata Curacao)**

**u**

**Helio Heroes Limited (C-86323)**

**vs**

**Richard Mifsud**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Future Platforms Limited, Helio Gaming Limited, Dr. Angelo Dalli bhala mandatarju specjali ta' Switch it N.V. (socjetà registrata Curacao) u Helio Heroes Limited, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih imfissra din il-Qorti ntalbet izzomm lil Richard Mifsud milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruz, jew gratuwitu xi proprjetà, u b'mod partikolari li ma jassenjax u ma jittrasferix bl-ebda mod u taht l-ebda titolu sehemu mill-komunjoni tal-akkwisti minn ma' martu Roberta Mifsud u li ma jitterminax u ma jillikwidax l-istess komunjoni tal-akkwisti, u dan in kwantu l-intimat hu kreditur tar-rikorrenti fl-ammont ta' tlettax-il miljun, hames mija u hamsa u tletin elf Ewro (€13,535,000), jew somma ohra verjuri, in kwantu danni sofferti mis-socjetajiet rikorrenti kawza tal-ksur tal-obbligi fiducjarji tal-istess intimat versu s-socjetajiet rikorrenti kif ahjar spjegat u kif jirrizulta mir-rikors guramentat intavolat kontestwalment mis-socjetajiet rikorrenti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta.

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti qed jitolbu lill-Qorti zzomm lil Richard Muscat milli jittrasferixxi sehem mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-istess Mifsud u martu Roberta Mifsud u dan sabiex jikkawtelaw kreditu minnhom pretiz fl-ammont ta' €13,535,000 liema somma r-rikorrenti jsostnu li huma danni minnu kawzati bi ksur ta' obbligi fiducjarji.

Il-Qorti tibda biex tiskarta l-eccezzjonijiet ta' xejra preliminari mqajjma mill-intimat. Huwa ben risaput illi tali

konsiderazzjonijiet mhumiex flokhom fi proceduri ta' din ix-xorta li tibqa' essenzjalment kostretta fil-parametri tal-*prima facie*.

Ikkunsidrat illi f'mandati ta' din ix-xorta, mitluba a tenur tal-Art. 874 tal-Kap. 12 li jipprovdi testwalment illi:

> *"Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbiegħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali; iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu."*

Huwa mghallem fil-kuntest illi:

> *"għall-finijiet tal-artikolu 874 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-kejl waħdieni huwa biss jekk kemm-il darba l-pretensjoni ta' min jitlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dak taqbiżx l-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmi (€11,646.86). Jekk taqbeż dik is-somma, dak l-element jikkostitwixxi l-jedd mad-daqqa t'għajn tar-rikorrent biex jinħareġ il-Mandat mitlub."* (Maniscalco et vs A.X.T. Properties Limited – 4 ta' Awwissu 2015).

Fil-kaz in ezami l-pretensjoni tizboq bil-bosta dan l-ammont u ghalhekk il-Qorti tqis illi l-vot tal-ligi jinsab sodisfatt.

Ghar-rigward tan-nuqqas mar-rikors ta' nota ta' insinwa li titlob il-ligi, din il-Qorti, filwaqt li tinnota dan in-nuqqas (u mhux kif jikkontendu r-rikorrenti fis-sottomissjonijiet taghhom) tqis li tali dokument huwa essenzjali meta t-talba tolqot proprjetà immobbli. It-talba kif dedotta fir-rikors odjern hija generika u b'hekk ma tinqalax il-htiega tan-nota msemmija.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fir-rikors taghhom tas-27 ta’ Marzu 2020.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu intavolata kontestwalment ma’ dawn il-proceduri.

IMHALLEF